MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru. 327/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Emanuel Cutajar bin Lawrence u Grace nee' Vella, imwieled fl-14 ta' Marzu, 1953 u residenti 33, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 23353(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Cutajar li gie akkuzat talli nhar is-17.02.2007 ghal habta ta' 13:00hrs bhala persuna illi f'ismu ghandu l-licenzja sabiex jiggestixxi 'L'Aragosta Bar' li jinsab fi Triq ix-Xatt, Marsalforn, Ghawdex;

1) Naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kundizzjoni, restruzzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja, billi qieghed jew ippermetta li jiqieghdu mwejjed u siggijiet fuq barra ta' l-istabbiliment turistiku u cioe' fuq il-Promenade ta' l-istess triq minghajr il-permessi necessarji mahruga mill-Awtoritajiet Kompetenti (Art 43 (1)(b) Kap 409 u Reg 15(1)(2) A.L. 128/2002);
2) Talli bhala l-persuna licenzjat biex jiggestixxi l-imsemmi hanut, impjega lil ibnu Kenneth Cutajar ID 27880(G) sabiex jaghmilha minn floku jew rapprezentant tieghu fil-hanut 'L'Aragosta' ta' Triq ix-Xatt, Marsalforn, minghjar il-permess tal-Awtorita' Kompetenti u dan bi ksur tar-Regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 393/1929 kif sussegwentement emendat;
3) U aktar talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Ghawdex) tad-09.12.2005 preseduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent DeGeatano LL.D. u sentenzi ohra li nghataw fil-Qorti tal-Magistrati t'Ghawdex nhar is-17.11.2005 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 29 (b) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 393/1929 u l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9;

Ikkunsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel (1) akkuza jidher illi Emanuel Cutajar bhala l-licencee kien ivverifika illi kien hemm ottemperanza sa ftit hin qabel ma saret spezzjoni u ghalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas da parti tal-imputat peress illi kien ibnu Kenneth Cutajar li hareg l-imwejjed u s-siggijiet ftit wara u fil-fatt nehhihom meta kellmuh il-Pulizija;

Illi ghar-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi, dawn jirrizultaw ippruvati u tikkundanna lill-imputat ammenda ta' tlett mitt ewro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------